MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 418 (8-43)

It-Tlieta 25 ta' Jannar 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit (daħlet fis-6.30pm)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet fis-7.00pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Julian Borg

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**418.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Julian Borg.

**418.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 417. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**418.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

M tqajmu l-ebda punti mill-Minuti.

**418.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**418.3.1** Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2022

Is-Sindku qal li qiegħed f'komunikat mal-għaqdiet involuti biex jagħtu s-sehem u l-parteċipazzjoni tagħhom għal din is-sena. Il-Grupp tal-Armar proponew diżinn mifrux fil-Pjazza u z-zuntier tal-Knisja u żewġ wirjiet fil-kappelli tal-Pjazza. Is-Sindku qal li peress li uħud mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi ta' din is-sena ser jiġu posposti minħabba l-elezzjoni ġenerali u anka ż-żjara tal-Papa, żewġ avvenimenti Nazzjonali, l-attivita' tal-mixgħela ser tamalgama mal-programm ta' Jum is-Siġġiewi, li ser ikunu mifruxa fuq Marzu u April.

**418.3.2** Ftehim Każin Banda San Nikola

Is-Sindku qal li kopja tal-abbozz tal-ftehim ġie mgħoddi lill-Avukat tal-Kunsill biex jara il-lat legali tiegħu. Huwa qal li malli jkollna l-kummenti tal-avukat, il-ftehim ikun jista' jgħaddi quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni.

**418.3.3** GAL Majjistral

Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu mal-GAL Majjistral rigward diversi inizjattivi u skemi ġodda dwar restawr. Is-Sindku tenna l-importanza ta' rappreżentanza tal-Kunsill fil-kumitat biex b'hekk ma jintilfux id-diversi opportunitajiet għal fondi.

**418.3.4** Laqgħa rigward arranġamenti quddiem l-iskola

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa on site mal-Kap tal-Iskola u c-CEO tal-LESA rigward proposti għas-sigurta' tat-tfal quddiem l-iskola u anka biex jitneħħa l-inkonvenjent lis-sidien tal-garaxxijiet fi Triq Ħal Xluq, waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola. Huwa qal li flimkien ma' membru tal-Kumitat tat-traffiku, ġew imressqa l-proposti. Ġie ssuġġerit ukoll li jinbidel is-sens tat-traffiku u cioe li Triq Ħal Xluq tiġi direzzjoni waħda lejn Triq it-Tabib Nikola Zammit u għalhekk vetturi minn Triq Ħal Xluq ikunu jistgħu joħorġu kull ħin. Ġie maqbdul li terġa ssir laqgħa fuq il-post ma' Transport Malta fejn jiġu mressqa u diskussi l-proposti. Din il-materja titressaq 'il quddiem.

**418.3.5** Newsletter

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera biex l-artikli jew materjal ieħor li għandu jiġi ppublikat fin-newsletter jgħaddu għand is-Segretarju Eżekuttiv mill-iktar fis.

**418.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**418.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar meta ser isir ix-xogħol ta' resurfacing minn infrastructure Malta ta' Triq Papa Pawlu VI quddiem il-binja The Oaks, u Triq l-Imdina quddiem binja ġdida, peress li mill-aħħar informazzjoni dan ix-xogħol kellu jsir is-sena li għaddiet. Is-Sindku talab li jsir komunikat lill-IM dwar dan.

**418.5** **Aġġornament dwar il-Proġett ta' Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku qal li qed jinsisti li dan il-proġett jibda mingħajr dewmien minħabba id-diversi issues li hemm. Huwa qal li żdiedu żewġ cameras taħt l-iskema tal-GreenMT u qed jiġu monitored mill-LESA biex jiġi imrażżan l-abbuż esagerat ta' rimi illegali. Is-Sindku qal li l-proġett qiegħed fil-proċess ta' permessi fejn immedjatament wara jibda l-process ta' procurement. Is-Sindku informa li t-tnedija tal-proġett mill-INDIS ser issir nhar il-Ħadd 6 ta' Marzu 2022 wara l-quddiesa ta' Jum is-Siġġiewi. Huwa stieden lill-Kunsilliera jattendu.

**418.6** **Jum is-Siġġiewi 2022 u nominazzjonijiet għall-Unur Onoreficenza Mertu Siġġiewi 2022**

**418.6.1** **Jum is-Siġġiewi 2022**

Is-Sindku qal li minħabba avvenimenti nazzjonali fosthom l-elezzjoni ġenerali u l-miġja tal-Papa, il-programm ta' Jum is-Siġġiewi ser jiġi parzjalment pospost bejn Marzu u April. Il-programm propost huwa hekk:

Is-Sibt 5 ta' Marzu 2022 - Attivita' Ambjentali taħwil ta' siġar u clean-up event
Il-Ħadd 6 ta' Marzu 2022 - Quddiesa ta' ringrazzjament fid-9.30am
Il-Ħadd 10 t'April 2022 – Inawgurazzjoni tal-proġett restawr tal-istatwi
Il-Ħadd 24 t'April 2022 – Attivita' 'Memorja' mill-Arkivji Nazzjonali u wirja ta' vetturi antiki fi Pjazza San Nikola
Il-Ħadd 30t'April 2022 – Serata ta' Jum is-Siġġiewi u Għoti tal-unur Onoreficenza

Il-Kunsill unanimament approva l-programm kif propost.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit daħlet għal-laqgħa fis-6.30pm.

**418.6.2** **Onoreficenza – Mertu Siġġiewi 2022**

Is-Sindku ressaq l-ismijiet proposti mill-Kunsilliera:

- Nikol Bezzina
- Il-Professur Rena Balzan
- Anthony (Tony) Pace
- Jesmark Scicluna
- Patrick A. Umanah
- Carlos Borg

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-ismijiet. Il-Kunsill unanimament approva. Huwa qal li hemm ukoll Fr. Nicholas Cachia li kien approvat f'Seduta preċedenti. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jgħaddu l-informazzjoni u l-bijografija lis-Segretarju Eżekuttiv.

**418.7** **Xogħolijiet ta' toroq minn Infrastructure Malta**

Is-Sindku informa li x-xogħol infrastrutturali fi Triq San Nikola beda u miexi kif pjanat. Huwa qal li saret laqgħa mal-Ingineer tal-Enemalta rigward il-proposta kif imressqa fis-Seduta preċedenti biex issir trinka mal-ġenb u minnha jgħaddu il-wires tal-elettriku biex jiġu eliminati il-wires imdendla. Mill-feedback jidher li din is-sistema mhix prattika għal fatt li r-residenzi kollha jridu jressqu l-main tad-dawl eżatt wara l-

bieb tar-residenza u din apparti li mhux kulħadd jaċċetta li jagħmel spejjeż żejda, tinvolvi flejjes kbar. Huwa qal li x-xogħol previst ikun lest sa April 2022. Rigward dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni li minħabba nuqqas ta' senjaletika, vetturi qed jidħlu xorta u jinżlu minn Triq Tan-Nofs, iżda minħabba li f'ċerta punt tidjieq qegħdin jeħlu u jagħmlu ħsarat lill-faċċati tad-djar. Huwa talab li jsiru sinjali adekwati biex jiġi evitat dan.

Is-Sindku qal li tlabna wkoll interventi f'parti minn Triq Santa Margerita u parti minn Triq Mons Mikiel Azzopardi fejn niżlet it-triq.

Is-Sindku informa li ġie ffirmat ftehim biex isir xogħol infrastrutturali fi Triq l-Għażżien peress li tinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna.

Is-Sindku informa li l-proġett taz-zuntier qiegħed fil-proċess ta' tendering u skond l-informazzjoni, ix-xogħol għandu jibda wara l-festa ta' San Nikola.

**418.8 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni fuq PA893/22, żvilupp propost għad-daħla tas-Siġġiewi. (*Vacant Plot, Triq Santa Margerita c/w, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, Description of works:To demolish existing building, excavate and construct two levels of basement garages with 6 car spaces and 26 garages, basement Class 4B and Class 4A, and 16 apartments and penthouse with pool.)* Huwa prpona li tintalab iktar informazjoni dwar din l-applikazzjoni, speċjalment il-lat estetiku, anka peress li din ser tbiddel il-landscaping u l-istreetscape tal-entrata tas-Siġġiewi u tkun l-ewwel ħaġa li tara malli taffaċċja is-Siġġiewi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**418.9 Approvazzjoni tal-Budget għas-Sena 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-Budget għas-sena 2022 (Accrual Based). Hija tat spjegazzjoni tar-rapport u tad-differenzi fl-infiq maġġuri bejn is-sena 2021 u 2022. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-Rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**418.10 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Q4 – 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport finanzjarju tar-raba' kwart u l-għeluq tas-sena 2021. Hija tat spjegazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja kif tidher fir-rapport. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**418.11 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Sindku preżenta korrispondenza rigward attivita' 'Classic Car Show' mill-Old Motors Club Malta. Huwa propona li din l-attivita' tiġi amalgamata mal-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi u propona l-Ħadd 24 t'April 2022, meta ikun haw il-wirja mill-Arkivji Nazzjonali. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

Is-Sindku preżenta talba minn residenti fi sqaq fi Triq Ta' Bellu biex l-isqaq jingħata isem uffiċjali. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li Triq Ta' Bellu lanqas hija imsemmija uffiċjalment u allura propona li tintbagħat it-talba għal din it-triq ukoll. Huwa qal li mill-pjanta murija tidher li l-isqaq huwa privat u talab biex tintalab kjarifika mill-kumitat Tismija ta' Toroq jekk jista' jingħata isem f'dal-kas, u jekk jissemma Sqaq Ta' Bellu u jiżviluppaw sqaqien oħra fl-istess triq xi tkun il-pożizzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir din il-kjarifika.

**418.12** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**418.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia daħlet fis-7.00pm.

**418.14** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**418.14.1** Bdil tas-sistema tat-telefon
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa hemm ħsarat fis-sistema tal-linji tal-GO. Hija qalet li diġa ġew persuni tekniċi li indikaw li hemm bżonn issir is-sistema tal-fibre optic. Hija qalet li s-sistema tal-PABX eżistenti lanqas m'hi qed taħdem u talbet stima għal sistema ġdida. Wara suġġeriment minn nies tekniċi jidher li hija konvenjenti li s-sistema issir kombinata mal-fibre optic tal-GO u preżentat stima ta' €1800. Hija talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għal din l-ispiża. Is-Sindku propona li tinxtara sistema moderna tat-telefon u li tiġi approvata din l-ispiża. L-Kunsill unanimament approva.

**418.14.2** Xiri ta' għodda għal patching
Is-Sindku propona li tinxtara għodda għat-tiswija tat-toroq li tkun tista' tintuża mill-ħaddiema assenjati. Is-Segretarju Erżekuttiv preżentat stimi miġbura u s-somma stmata hija ta' €2150 total. Is-Sindku propona l-approvazzjoni biex tinxtara tali għodda biex ikun jista' jsir xogħol aħjar. Il-Kunsill unanimament approva.

**418.14.3** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm bozza quddiem 136 Triq ir-Rebbiegħa li qegħda itteptep. Huwa qal ukoll li Triq ir-Rebbiegħa hemm bżonn jiżdiedu lampi n-naħa t' isfel għax hija mudlama.

**418.14.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm mirja imkissra fit-Triq Bur it-Tokk u oħra limiti tal-Fawwara li hemm bżonn jinbidlu. Hija qalet li sikwit qed jinqabeż il-ġbir tal-iskart f'Tal-Ħrieri. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li fi Triq it-Tabib Nikola Zammit fil-ħinijiet tal-iskola qed ikun hemm double parking li joħloq konġestjoni tat-traffiku u anka periklu.

**418.15** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.  Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 14 ta' Marzu 2022

| | |
|---|---|
| Dominic Grech<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |